FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

12 ta' Mejju 2015

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Ewwel (01) laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Il--Kunsillier Vince Borg, sejjah L-Ewwel (01) Laqġha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 6 ta' Mejju 2015 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Hatra ta Sindku - Aċċettazzjoni tal-Hatra tas-Sindku
2. Hatra ta Deputat Sindku - Aċċettazzjoni tal-Hatra tad-Deputat Sindku
3. Indirizz tas-Sindku
4. Ħatra ta' Kumitat / Sotto-Kumitati / Assenjazzjoni tar-Responsabilitajiet

Ghall-Ewwel (01) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti il-**Kunsilliera Davina Sammut, il-Kunsillier Matthew Paris, il-Kunsillier Ivan Hallett, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S. Flores assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci. L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia ma kinitx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Kunsillier Vincent Borg.

Qabel ma bdew jigu diskussi l-materji ta' fuq l-agenda, il-Kunsillier Vincent Borg qal li jixtieq jifrah lill-kunsillieri kollha eletti tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Floriana u awgura hidma fejjieda b'rizq il-Floriana u r-residenti tal-lokalita'.

## 1.0 Hatra ta Sindku - Aċċettazzjoni tal-Hatra tas-Sindku

1.1. Il-Kunsillier Vincent Borg spjega kif skont l-Att, 363 – l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Taqsima III Artiklu 25 (V), l-ewwel laqgha ghandha tissejjah mill-aktar kunsillier anzjan u kien ghalhekk li kien qed jippresiedi din l-ewwel laqgha hu. Huwa qal li skont l-Artiklu 29 fil-kariga ta' Sindku ghandu joqghod dak il-kunsillier elett li fl-ahhar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalita' ikun kiseb l-ikbar ammont ta' voti fost il-kandidati tal-partit politiku li jkun kiseb l-iktar voti. Ghalhekk huwa spjega kif is-Sinjorina Davina Sammut ghandha tigi mahtura s-Sindku l-gdid tal-lokalita' tal-Floriana.

1.2. Huwa talab lis-Sinjorina Davina Sammut jekk taccettax il-kariga ta' Sindku tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Floriana.

1.3. Is-Sinjorina Davina Sammut accettat il-kariga ta' Sindku u ghalhekk giet mahtura is-Sindku l-gdid tal-lokalita' tal-Floriana.

## 2.0 Hatra ta' Deputat Sindku - Aċċettazzjoni tal-Hatra tad-Deputat Sindku

2.1 Is-Sindku Davina Sammut spjegat kif skont skont l-Artiklu 25 (2) fil-kariga ta' Vici Sindku ghandu joqghod dak il-kunsillier li jkun kiseb l-ghola ghadd ta' voti wara s-Sindku, fil-partit li jkun kiseb l-ikbar ammont ta' voti. Ghalhekk is-Sindku Davina Sammut nnominat lill-Kunsillier is-Sur Ivan Halletta sabiex iservi ta' Vici Sindku tal-lokalita'.

2.2 Is-Sur Ivan Hallett accetta l-kariga u ghalhekk gie mahtur Vici Sindku tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Floriana.

## 3.0 Indirizz tas-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut tat l-indirizz taghha.

3.2 Hija hadet l-opportunita' sabiex issellem lill-eks sindku Nigel Holland kif ukoll lill-eks kunsillier Edward Torpiano li servew ghal diversi snin fi hdan il-Kunsill Lokali.

3.3 Is-Sindku sellmet ukoll il-memorja tal-eks kunsillier Anthony Brincat li halla din id-dinja matul is-sitt legislatura tal-kunsill lokali u qalet li ghaliha, is-Sur Brincat kien t'ispirazzjoni kbira.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut sellmet ukoll lis-sindki u lill-kunsillieri kollha li xi darba jew ohra kienu jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali Floriana kif ukoll lill-kandidati kollha li pprezentaw isimhom ghall-elezzjoni tal-11 t'April 2015.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut assigurat li l-bieb tal-ufficcju taghha kien ser ikun dejjem miftuh biex jilqa' fih ir-residenti tal-lokalita'.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut qalet li kienet ser tkun qed tahdem bl-aktar mod trasparenti ma' shabha l-kunsillieri kif ukoll esprimiet ix-xewqa li l-hidma ssir b'armonija f'kunsill li ghandu l-prijorita' l-interess tal-Floriana.

3.7 Is-Sindku Davina Sammut qalet kif dan il-Kunsill irid jindirizza diversi problemi bhalma huma l-Housing, l-indafa u l-aging population.

3.8 Hija temmet billi rringrazzjat ukoll lill-istaff amministrattiv tal-Kunsill Lokali Floriana kif ukoll lill-haddiema manwali.

## 4.0 Ħatra ta' Kumitat / Sotto-Kumitati / Assenjazzjoni tar-Responsabbiltajiet

4.1 Is-Sindku Davina Sammut qrat il-lista ta' karigi li ghandhom jitqassmu bejn il-kunsillieri sabiex kulhadd ikollu l-materji li jkun responsabbli ghalihom. Hija qalet li l-karigi jistghu jinbidlu u wissiet li jekk jigi nnutat li xi wahda mill-karigi ma tkunx qed titwettaq sew, din setghet tigi rtirata.

4.2 Wara d-diskussjoni, gie deciz hekk li jigu assenjati d-dekasteri kif gej:

4.3 Il-Vici Sindku Ivan Hallett: Kummerc u kompetizzjoni, Parkegg, Gwardjani Lokali u Utilitajiet u Servizzi.

4.4 Il-Kunsillier Matthew Paris – Turizmu, Patrimonju Lokali, Kultura u Arti, Housing u MEPA.

4.5 Il-Kunsillier James Aaron Ellul – Tfal, Zghazagh u Sports, E-councillor, Edukazzjoni u Harsien tal-Annimali.

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg – Anzjani, Harsien tac-cittadin, Traffiku, Gonna u soft areas, Qasam Socjali u Familja.

4.7 Is-Sindku Davina Sammut – Xogholijiet u manutenzjoni, Indafa Pubblika, Librerija u arkivji, Fondi tal-Unjoni Ewropea, Finanzi, Relazzjonijiet Internazzjonali u Lokali u Ugwaljanza tal-Mara

4.8 Gie deciz ukoll li l-karigi Attivitajiet tkun kongunta bejn il-Vici Sindku Ivan Hallett u l-Kunsillier Matthew Paris ; li l-kariga Relazzjonijiet mal-Pulizija tkun kongunta bejn il-Kunsillier Vincent Borg u l-Vici Sindku Ivan Hallett; u l-kariga Sahha tkun kongunta bejn il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier James Aaron Ellul.

4.9 Is-Sindku Davina Sammut fakkret li l-karigi jistghu jinbidlu, jittiehdu jew jintraddu lura skont il-bzonn li jkun hemm matul il-legislatura.

4.10 Is-Sindku Davina Sammut talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tinforma lill-kunsillieri kollha bil-laqghat kollha ta dekasteri differenti li jkunu ser isiru.

4.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li l-korrispondenza kollha jintbaghtu lill-kunsillier responsabbli kif ukoll lis-Sindku.

4.12 Is-Sindku Davina Sammut talbet lill-kunsillieri sabiex meta jigu avvicinati mir-residenti dwar xi ilment, dawn ghandhom jiehdu l-ilment huma u jekk ma jkunx fir-responsabbilta' taghhom, ghandhom jiehdu hsieb jghaddu l-ilment lill-kunsillier responsabbli.

4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li s-sottokumitati tal-legislatura li ghaddiet ghandhom jigu xolti kollha u ghalhekk spjega kif il-membri kollha li kienu parti minn xi sottokumitat ser jergghu jintalbu jindikaw jekk ghadhomx interessati jkunu parti minn xi sotto kumitat li ser jitwaqqaf.

4.14 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien hemm bzonn li jinbidlu whud mill-ismijiet tas-sotto kumitati ezistenti.

4.15 Is-Sindku Davina Sammut irrakkomandat li l-kumitat tal-ghazliet tal-offerti ghandu jkun kompost mill-kunsillieri kollha, u jizdied persuna teknika skond il-kaz. Il-Kunsill qabel nem con.

4.16 Il- Sindku Davina Sammut qalet li l-Kumitat tal-Finanzi ghandu jkun maghmul mis-Sindku Davina Sammut, mis-Segretarju Ezekuttiv, minn kunsillier u mill-Accountant tal-Kunsill. Il-Kunsillier Matthew Paris esprima x-xewqa li jkun jaghmel parti minn dan il-kumitat. Il-Kunsill qabel nem con.

4.17 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li ssir forma ta' timetable li fiha jitnizzlu l-laqghat tal-kumitati sabiex ma jkunx hemm laqghat li jahbtu ma' xulxin. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir kalendarju ghal dawn il-laqghat.

4.18 Is-Sindku Davina Sammut talbet lill-kunsillieri sabiex iwiegbu l-Ilmenti relatati mar-responsabiltajiet taghhom li jintbaghtu mill-istaff amministrattiv sabiex dawn ikunu jistghu iwiegbu lir-residenti meta jkunu mistoqsija dwar il-progress tal-ilment.

4.19 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-laqgha tibda' ssir ddejjem fl-istess gurnata. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra din il-proposta.

---

**Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 15 ta' Mejju 2015 fil-5.30pm.**

Il-laqgha ntemmet fis-18.15.

Davina Sammut
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv